MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta tas-27 ta' Ottubru, 2006

Avviz Numru. 310/2005

**Avviz numru 310/05 DM**

**Falcon Tours Limited (C 4425)**

**Vs**

**Louis Naudi ID 515455 (M) f' ismu proprju u f' isem il-"Malta Agricultural Lobby"**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta' liema l-kumpanija attrici tablet il-kundanna tal-konvenuti, ghall-hlas tas-somma ta' elfejn, mija u sitta u sittin lira Maltin u hamsa u tletin centezmu (LM 2,166.35c) rapprezentanti hlas fuq servizzi ta' vjaggar moghtija mis-socjeta' mittenti bejn il-5 ta' Novembru 2002 u 16 ta' Marzu, 2003, fuq inkarigu tal-konvenuti stess u li m' humiex imhallsa.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficcjali datata 27 ta’ Settembru, 2004, (dokument A) u bl-imghaxijiet mis-27 ta’ Settembru, 2004 sal-gurnata tal-pagament effettiv kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenuti debitament notifikati la deheru biex jikkontestaw it-talba attrici u lanqas ma’ deheru fis-seduta ta’ llum biex jirrispondu ghad-domanda in subizzjoni;

Ghaldaqstant it-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma.

Il-Qorti qeghdha tilqa’ t-talba attrici u tikkundanna lil konvenuti in solidum bejniethom sabiex ihallsu lill-atturi s-somma ta’ elfejn, mija u sitta u sittin lira u hamsa u tletin centezmu (LM2,166.35) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz;

Bl-imghaxijiet legali b’ effett mis-27 ta’ Settembru, 2004;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti in solidum bejniethom.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------